IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.3.2020
COM(2020) 106 final

[…]

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

• Raġunijiet u objettivi tar-rakkomandazzjoni

Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa, li kienet tinkludi għadd ta' proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi dwar ftehimiet komprensivi dwar it-trasport bl-ajru. Waħda minn dawn il-proposti (COM(2015) 609 final) kienet li jinfetħu negozjati mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN).

Fis-7 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-ASEAN fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha validità ta' erba' snin, jiġifieri tiskadi fis-7 ta' Ġunju 2020.

Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni li fiha qieset li l-limitu ta' żmien tal-awtorizzazzjoni huwa inkompatibbli mat-Trattati, u b'mod partikolari mal-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

Fl-24 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni infurmat lill-gvern ta' kull wieħed mill-10 Stati Membri tal-ASEAN dwar l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex jinfetħu negozjati mal-Istati Membri tal-ASEAN, u stiednet lill-ASEAN biex tibda n-negozjati.

L-ewwel ċiklu ta' negozjati sar fis-27 u t-28 ta' Novembru 2016 fi Brussell. It-tmien u, sa issa, l-aħħar ċiklu ta' negozjati sar bejn l-20 u t-22 ta' Novembru 2018 f'Salzburg. Fit-tmien ċiklu ta' negozjati ntlaħaq qbil dwar il-biċċa l-kbira tal-partijiet tal-abbozz tal-ftehim, filwaqt li ż-żewġ naħat qablu li jsiru konsultazzjonijiet interni dwar xi ftit kwistjonijiet pendenti.

Il-konsultazzjonijiet interni min-naħa tal-ASEAN għadhom għaddejjin.

L-objettiv ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li tistieden lill-Kunsill biex jemenda d-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 mingħajr ma jimmodifika d-direttivi ta' negozjar annessi mad-deċiżjoni tal-Kunsill.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Ir-rakkomandazzjoni biex tiġi emendata d-deċiżjoni ta' Ġunju 2016 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Membri tal-ASEAN hija kompletament konsistenti mal-objettivi tal-politika esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Istrateġija tal-Avjazzjoni komprensiva li l-Kummissjoni pproponiet f'Diċembru 2015 bil-għan li ssaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Din ir-rakkomandazzjoni hija kompletament konformi mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni u tippromwovi wkoll objettivi oħra ta' politika u politiki assoċjati, pereżempju fl-oqsma tad-drittijiet tax-xogħol, tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, bil-ħsieb li jkun żgurat aħjar li dawn l-objettivi jintlaħqu miż-żewġ naħat.

2. BAŻI ĠURIDIKA

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja:

Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati hija l-proċedura prevista għal negozjati internazzjonali dwar it-trasport.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

Immedjatament wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkuntattjat lil kull wieħed mill-Istati Membri tal-ASEAN bil-ħsieb li jinfetħu n-negozjati.

Minn Novembru 2016 saru tmien ċikli ta' negozjati.

Fiċ-ċirkustanzi, huwa improbabbli li n-negozjati jiġu konklużi b'suċċess qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016, jiġifieri sas-7 ta' Ġunju 2020.

Huwa għalhekk meħtieġ li dik id-Deċiżjoni tiġi emendata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq negozjati fi ħdan qafas li jwassal għal konklużjoni tan-negozjati b'suċċess, fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, hija emendata kif ġej:

1. It-titolu tad-Deċiżjoni huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fuq in-naħa l-oħra".

2. It-test tal-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni, ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru mal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)."

3. It-test tal-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' żmien bla limitu."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President